28 ta' Jannar, 1946.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Victor Meli *versus* Carmelo Drago (*)

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Hardship" Morali — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Is-sentenza tal-Board tal-Kera li ddeċidiet illi l-"hardship" morali mhux ammissibili ddefiniet kwistjoni ta' dritt, u għalhekk hija appellabili.*

*Fil-każ il-"hardship" morali kien jikkonsisti filli r-rikorrent allega li ma' ġenbu kien joqgħod bniedem li ma jogħġbux u li ma riedx li jikkompromettı ruħu.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Victor Meli quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab li hu jieħu taħt idejh il-fond nru. 157, Cospicua Road, Pawla, li huwa mikri lill-imsemmi Carmelo Drago, għaliex għandu bżonnu għall-abitazzjoni tal-familja tiegħu, waqt li offra lill-intimat post ieħor;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fl-14 ta' Novembru 1945, li biha t-talba ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' Victor Meli, li talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Drago;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità opposta mill-appellat;

Illi r-raġuni li ġieb l-appellant bħala bażi tat-talba tiegħu hi dik li ma' ġenbu joqgħod bniedem li ma jogħġbux, u ma jridx kieku li jikkompromettı ruħu. Fuq dina r-raġuni s-sentenza appellata qalet li "ma fiha l-ebda valur fl-istat attwali tal-liġi", jiġifieri li skond il-liġi l-"hardship" morali allegat

---

(*) Deċiża fil-meritu Appell 25. 2. 46

mill-appellant mhux ammissibili. Din hija kwistjoni li tikkostitwixxi punt ta' dritt definit b'dik is-sentenza, li għalhekk hija appellabili;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità opposta mill-appellat, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu, u għal dan l-effett tiġi mqiegħda fil-lista tat-18 ta' Frar 1946.